# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH AZZOPARDI**

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa 30 ta' Settembru 2016**

**Numru 22**

**Rikors Numru: 14/02 GG**

**Kummissarju tal-Artijiet**

**v.**

**Salvino Testaferrata Moroni Viani**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors li ippreżenta l-Kummissarju tal-Artijiet fl-10 ta' Mejju, 2002, li jaqra hekk:

> "Illi l-intimat gie noftifikat b'Avviz ghall-Ftehim datat 25 ta' Marzu 2002 fejn gie infurmat li l-kera ta' Gharfien li l-awtorita' kompetenti hija lesta biex thallas b'Titolu ta' Dominju Pubbliku tal-Kerreja Nru. 88 fi Triq San Guzepp, fil-Belt Valletta huwa ta' hamsin Lira Maltija u erbghin centezmu (Lm50.40) fis-sena kif jidher mir-rapport tal-Perit Oscar Caruana Montaldo A&CE tal-29 ta' Mejju, 1992 li kopja tieghu Dok A hija annessa ma' l-istess Avviz ghall-Ftehim.
>
> "Illi b'ittra ufficjali tal-1 t'April, 2002 l-intimat fost affarijiet ohra jiddikjara li ma jaccettawx il-kumpens offert u jitlob li dan il-kumpens ghandu jkun

ta' sebat'elef u tlett mitt Lira Matin (Lm7,300) fis-sena bhala kera t'gharfien.

"Ghaldaqstant ir-rikorrent jitlob bir-rispett li dan il-Bord joghgbu jordna lill-intimat biex jittrasferixxu favur ir-rikorrent b'titolu ta' Dominju Pubbliku fuq imsemmija jiffissa kumpens relattiv, jinnomina lin-Nutar Vincent Miceli bhala Nutar tad-Dipartiment ta' l-Art jew lin-Nutar li jkun jaghmel minfloku biex jippubblika l-att relattiv f'dik il-gurnata, hin u lok li dan il-Bord joghgbu jistabilixxi, jinnomina kuratur biex jidher ghall-eventwali kontumaci fuq l-att u jaghti l-provvedimenti l-ohra kollha mehtiega skond id-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet ghal Skopijiet Pubblici (Kap 88)"

Rat ir-risposta tal-intimat Salvino Testaferrata Maroni Viani li in forza tagħha eċċepixxa illi:

"Illi l-esponent qieghed jirrifjuta l-ammont ta' hamsin Lira u erbghin centezmu (Lm50.40) fis-sena li gie lilu offert mir-rikorrent Kummissarju ta' l-Artijiet bhala 'kera ta' gharfien' relattiva ghall-propjeta esproprijata sitwata l-Belt Valletta, Triq San Guzepp, numru tmienja u tmenin (88) liema propjeta' (illum demolita ghal kollox) qieghda tittiehed b'Titolu ta' Dominju Pubbliku;

"Illi l-esponent jippreciza li mhux qed jaccetta l-offerta ta' l-Kummissarju billi a tenur ta' l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijeit ghal Skopijiet Puublici (Kap 88) d-data effettiva ta' l-valutazzjoni relattiva hija d-data tan-notifika ta' l-Avviz ghall-Ftehim; effettivament id-data relattiva ghall-kaz in dezamina hija wara l-bidu fis-sehh ta' l-Att numru XXXI ta' l-1995 (Att li jemenda l-ligijiet dwar il-Kiri ta' Djar); Ghalhekk mhux applikabbli d-disposizzjonijiet ta' l-istess Ordinanza fejn dawn jikkomputaw il-kera ta' gharfien relattiva skond ir-rati stabbiliti mill-ligijiet dwar il-Kiri ta' Djar;

"Illi ghalhekk u fil-fatt l-esponent qieghed jissottometti li billi dahal fis-sehh l-imsemmi Att XXXI ta' l-1995 , il-kera ta' gharfien relattiva ghall-propjeta' li qeda tittiehed b'titolu ta' Dominu Pubbliku ghandha tigi kalkolata fuq il-bazi ta' l-prezzijiet ossija kirjiet korrenti ta' bini simili fl-area immedjata ta' l-propjeta' esproprijata, kif ukoll skond ir-rati korrenti ta' l-prezzijiet ossija kirjiet ta' propjeta' fl-istess inhawi ta' l-propjeta' esprorijata;

"Illi skond parir tekniku (Dok A) li ghandu l-esponent, kieku kellha tigi mikrija l-propjeta in kwistjoni skond ir-rati korrenti il-kera kienet tkun ta' mhux anqas minn sebat'elef mitejn u disghin Lira (Lm7,290) fis-sena u ghalhekk l-esponent qieghed jissottmetti li r-rata applikabbli fil-konfront ta' l-kera ta' gharfien ghall-propjeta' inkwistjoni, ghandha tigi likwidata

> f'somma mhux anqas minn dan l-ammont annwali, salv danni u imghaxijiet relattivi.
>
> "Bl-ispejjez."

Rat id-digriet mogħti mill-Bord ta' Arbitraġġ dwar Artijiet fil-11 ta' Ottubru 2004, li in forza tiegħu ċaħad rikors tal-intimat li l-kumpens kellu jinħadem skont il-valur tas-suq liberu;

Rat li l-appell li ġie introdott mill-intimat kontra dan id-digriet ġie dikjarat irritu u null b'sentenza ta' din il-Qorti, Sede Inferjuri, tal-20 ta' April, 2005.

Rat illi l-intimat, sussegwentement għal din is-sentenza, adixxa l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (ċitazzjoni numru 1141/05) u talab dikjarazzjoni li l-kumpens għall-esproprju in kwistjoni ghandu jinħadem a bazi tal-valur tas-suq liberu, liema talba ġiet miċħuda minn dik il-Qorti b'sentenza tat-30 ta' Novembru, 2006;

Rat li l-appell li sar mis-sentenza ġie miċħud b'deċiżjoni li tat din il-Qorti fit-3 ta' Frar, 2009;

Rat ukoll li t-talba tal-intimat lil din il-Qorti, li saret fl-atti tal-kawza fuq imsemmija, għal referenza kostituzzjonali ġiet miċħuda b'sentenza tat-3 ta' Frar, 2009, bħala li kienet intempestiva, b'din il-Qorti tirrimarka li kwalunkwe ilment marbut mad-drittijiet fundamentali tal-intimat, "*wieħed*

*ikun irid jara li f'każ li ssir talba għal dan l-eżami* wara *li jkun sar l-eżerċizzju ta' iffissar tal-kumpens*";

Rat illi l-imsemm Bord ħatar żewġ periti tekniċi biex jassistuh fl-indaġni tiegħu, u wara li dawn ippreżentaw ir-rapport tagħhom u qablu fuq kumpens ta' Lm50.40c fis-sena, u baqgħu iżommu ferm din l-istima wara li saritilhom eskussjoni, ir-rikorrenti talab l-isfilz tar-rapport tal-periti tekniċi;

Rat illi l-imsemmi Bord ċaħad din it-talba b'digriet tas-7 ta' Marzu, 2012, u dan wara li għamel din l-osservazzjoni:

> "Wara li sema' l-partijiet dwar l-istess, hu tal-fehma illi l-Periti Membri waslu ghall-konkluzjonijiet taghhom fil-parametri kif enuncjati fil-ligi u ghalhekk ma hemm l-ebda raguni gravi li dwarha l-Bord ghandu jaqbel mat-talba tal-intimati bil-konsegwenza li jisfilza r-relazzjoni tal-Periti Membri u ghalhekk jichad it-talba."

Rat is-sentenza li ta l-istess Bord fit-13 ta' Ġunju, 2012, li in forza tagħha iddeċieda l-kawża fis-sens li ġej:

> "… … … il-Bord jilqa' t-talbiet tar-rikorrenti u jordna lill-intimat jitrasferixxi lill-awtorita' b'titolu ta' Dominju Pubbliku l-fond 88 fi Triq San Guzepp, fil-Belt Valletta bil-kera ta' gharfien ta' €117.40 fis-sena dekoribbli mid-data tal-esproprju oltre l-imghax legali skond il-ligi. Jahtar lin-Nutar Dr. Vincenti Miceli bhala Nutar tar-rikorrenti jew in-nutar li jkun jaghmel minfloku biex jippubblika l-att fit-3 t'Ottubru 2012 fis-1.30 pm fl-ufficcju tar-rikorrent u jahtar lill-avukat Dr. Leonard Caruana biex jidher fuq l-att ghall-eventwali kontumaci li ghandu jkun mgharraf bil-hatra tieghu bil-miktub mir-rikorrenti.
>
> "L-ispejjez ghandhom ikunu sopportati mill-intimat."

Dak il-Bord ta s-sentenza tiegħu wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"Illi din hija kawza proposta mill-Kummissarju tal-art sabiex dan il-Bord jiffissa l-kumpens xieraq ghat-tehid b'titolu ta' dominju pubbliku ta' fond gewwa l-Belt Valletta wara s-sidien irrifjutaw il-kumpens lilhom offert ghar-raguni li hu wiehed baxx. Kontra dak li jsir f'kawzi ta' akkwist b'xiri assolut, f'din il-kawza l-kumpens huwa wiehed ta' kera ta' gharfien. Ir-rikorrenti kien offra kera ta' Liri Maltin 50.40, llum €117.40 fis-sena filwaqt illi l-intimat isostni li l-kera ghandu jkun ta' Liri Maltin 7,300 igiefieri €17,004.42 fis-sena;

"Wara proceduri introdotti mill-intimat fi Qrati ohra u wara li dawn intemmu, dan il-Bord setgha jipprosegwi bl-iskrutinju tal-kawza devoluta quddiemu u ghalhekk wara li semgha lill-intimat ghadda biex assenja tnejn mill-lista ta' periti membri sabiex jikkomponi lil dan il-Bord. Il-periti membri, wara li hadu konjizzjoni tal-fatti u d-dokumenti kollha tal-kaz l- rritenew is-segwenti fir-relazzjoni taghhom formanti parti minn din id-decizjoni (fol 180 u 181):

"Huma ikkunsidraw dan kollu, kif ukoll id-disposizzjoniiet ta' l-Ordinanza dwar l-akkwist tal-Artijiet ghal skopijiet Pubblici (Kap 88 tal-Ligijiet ta' Malta). Jirrizulta illi l-kumpens illi offra l-intimat gie stabbilit permezz ta' valutazzjoni tal-Perit Oscar Caruana Montaldo A&CE skond id-dikjarazzjoni tieghu datata 29 ta' Mejju 1992 annessa mal-Avviz ghall-Ftehim datat 25 ta' Marzu 2002 (a fol 9 tal-process) fejn il-valur taghha bhala kera ta' gharfien huma ibbazati fuq zieda ta' erbghin fil-mija (40%) a tenur tal-art. 27(13) tal-Kap 88 fuq il-kera ta' akkwist kif registrata fl-Ufficcju ghall-Valutazzjoninjiet tal-Artijiet, u dan a tenur tal-art.27(2) tal-istess Kap 88 tal-Ligijiet ta' Malta;

"Bhala rizultat ta' dan l-esponenti ma jistghux hlief jirrikonoxxu l-imsemmija valutazzjoni u jistabilixxu l-valur li ghandu jithallas bhala kera ta' gharfien b'titolu ta' Dominju Pubbliku ghall-fond Nru 88 Triq San Guzepp il-Belt Valletta, ikun hamsin lira u erbghin centemzu (Lm50.40) fis-sena.

"Illi wara li sarulhom domandi in eskussjoni l-periti membri ta' dan il-Bord baqghu tal-istess fehma dwar il-valur minnhom raggunt. Ezaminati l-atti kollha, jirrizulta illi l-periti membri waslu ghal-valutazzjoni korretta ghal dan il-kera ta' gharfien u dan kif ser jinghad hawn taht. Dan il-fond kien esproprijat b'dikjarazzjoni tal-President tat-12 ta' Lulju 1991 kif pubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern li ggib l-istess data. Permezz ta' Avviz Ghal Ftehim tal-25 ta' Marzu 2002 notifikat lill-intimat fit-28 ta' Marzu 2002 u dan skond il-procedura vigenti dakinhar, l-intimat kien mitlub jiddikjara jekk kien qed jaccetta jew le l-kumpens ta' Lm50.40 fis-sena l-kera kif valutat mill-Perit Oscar Caruana Montaldo fid-29 ta' Mejju 1992. Issa, u kif gia deciz minn dan il-Bord diversament

presedut, il-komputazzjoni li ghandu jaghmel dan il-Bord sabiex jasal ghal-valur gust ta' kera hu dak ravvizat fl-artikolu 27(13) tal-Kap 88. Dan huwa assodat bid-decizjoni tal-Qorti tal-Appell tal-24 ta' Jannar 2007 fil-kawza fl-ismijiet **L-Agent Kummissarju tal-Art –vs- Dorothy Falzon** et fejn il-Qorti irriteniet f'kaz ta' akkwist b'titolu ta' dominju pubbliku u eskluz allura x-xiri b'titolu assolut jew bdil minn dominju pubbliku f'xiri assolut, japplikaw il-kriterji ravvizati fl-artikolu 27(13) tal-Kap 88:

> "Huwa sintomatiku illi l-Bord ma jistax arbitrarjament jiffissa kumpens izda ghandu jsegwi d-dettami tal-ligi applikabbli ghall-kaz specifiku u skond it-titolu ta' akkwist ta' l-art li l-Awtorita` esproprijanti tkun iddikjarat bhala mehtiega ghal skop pubbliku minn fost dawk delinejati fl-Artikolu 5 ta' l-Ordinanza. F' dan il-kaz kjarament l-akkwist intiz kien wiehed b' dominju pubbliku u mhux b' xi titolu iehor jew il-konversjoni ta' dak it-titolu intiz b' iehor"

"Jikkonsegwi ghalhekk illi l-periti membri kellhom jaslu ghal valutazzjoni taghhom billi jiehdu bhala punt ta' partenza l-valur ta' kera ufficcjalment rikonoxxut mill-Land Valuation Office u kif jemergi mid-dok VMI a fol. 22, il-kera dak iz-zmien ghal dak il-fond kien ta' sitta u tletin Liri Maltin u fuqu ghamlu l-kalkolu taghhom skond l-artikolu 27(13). Il-pretensjoni tal-intimat mhix bazata fuq id-dettami ta' dan l-artikolu. Opportunement ikun rilevat illi fir-risposta tieghu ghar-rikors promutur, l-intimat ibbaza l-pretensjoni tieghu fuq il-parir tal-perit arkitett tieghu fejn wasal ghal konkluzzjoni tieghu illi l-fond ghandu potenzjal ta' kera ta' Lm2700 fis-sena b'dan illi dan ghandu jkun moltiplikat bi tlieta, jigifieri tlett appartamenti. Dan il-fond jikkonsisti f'dar wahda ta' tlett sulari izda l-intimat ghazel illi iqis il-fond bhala tlett appartament separati u b'hekk wasal ghall-konkluzzjoni ta' Lm7,290 fis-sena. Permezz ta' opinjoni ohra ta' perit arkitett iehor tal-intimat, (fol 141 sa 143) jidher li l-intimat abbanduna l-komputazzjoni originali u issa qed isostni li l-valur ta' kera huwa bazat fuq il-valur ta' unita' wahda bazat fuq il-valur ta' bejgh tal-fond. Dan ma jirrispekkjax id-dettami tal-artikolu 27(13) u ghalhekk ma jistghax ikun konsiderat mill-Bord li jaghzel li jaddotta l-valutazzjoni raggunta mill-membri tieghu;

"Illi fix-xhieda tieghu l-intimat jaghmel ukoll talba ghall-kumpens biex taghmel tajjeb ghad-dewmien ghall-kumpens u jiccita s-sentenza Schembri and others –vs- Malta moghtija mill-Qorti Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem - Strassbourg 10.11.2009. Huwa jghid illi din l-esproprijazzjoni ilha ghaddejja kwazi 40 sena bi 30 minnhom jistenna l-Gvern jaghmillu offerta. L-atti juru illi l-espropriju sehh fl-1991 u mhux erbghin sena ilu. Ezaminati l-atti huwa minnu li mid-data tal-espropriju kienu ghaddew hdax-il sena sa kemm saret offerti lill-intimat u immedjatament inbdew dawn il-proceduri li izda, kienu karatterizzati b'dewmien min-naha tal-istess intimat u ghalhekk kien id-dritt tieghu li jirrikorri ghall-proceduri legali ohra biex jipproteguh, ma jirrizultax dak id-dewmien esagerat li jimmerita kumpens 'l hinn minn dak li hu intitolat ghalih;

Rat ir-rikors tal-appell tal-intimat li in forza tiegħu, għar-raġunijiet minnu premessi filwaqt li jagħmel kontestwali talba għal debita riferenza kostituzzjonali għar-raġunijiet fuq imfissra u dana wara li din l-istess Qorti tal-Appell tagħti dawk l-ordnijiet li jidhrilha xieraq u opportun, jirreferi għall-atti kollha tal-proċess u l-provi prodotti u dawk produċibbli skont il-liġi, jitlob bir-rispett illi dina l-Qorti jogħġobha:-

(1) tirrevoka, tħassar u tannulla d-digriet fuq imsemmi mogħti fis-7 ta' Marzu 2012 mill-Bord tal-Arbitragg dwar l-Artijiet v. Salvino Testaferrata Moroni Viani" (Rik. 14/2002) (GG) u

(2) tirrevoka, tħassar u tannulla s-sentenza fuq imsemmija mogħtija fit-13 ta' Ġunju 2012 mill-Bord tal-Arbitraġġ dwar l-Artijiet fl-ismijiet fuq premessi "Kummissarju ta' l-Artijiet v. Salvino Testaferrata Moroni Viani".

Rat ir-risposta tar-rikorrenti li in forza tagħha, għar-raġunijiet minnu premessi, talab li din il-Qorti jogħġobha

> "… … … tikkonferma d-deċiżjoni tal-Bord tal-Arbitraġġ dwar Artijiet mogħtija fit-13 ta' Ġunju 2012 kif ukoll id-digriet mogħti mill-istess Bord nhar is-7 ta' Marzu 2012, filwaqt illi tirrifjuta, fiċ-ċirkostanzi li tagħmel referenza kostituzzjonali stante li t-tħaddim tal-liġi kif stabbilita fil-Kapitolu 88 tal-Liġijiet ta' Malta ma tilledi l-ebda dritt fundamentali tal-appellant.
>
> "Bl-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri kontra l-appellanti."

Semgħet lid-difensuri tal-partijiet:

Rat l-atti kollha tal-kawża u d-dokumenti esebiti;

Ikkonsidrat:

Illi jirriżulta illi b'dikjarazzjoni maħruġa mill-President ta' Malta sar esproprju b'titolu ta' dominju pubbliku tal-kerrejja numru 88, fi Triq San Ġużepp, il-Belt Valletta, bil-gvern joffri kumpens ta' Lm50.40 fis-sena bħala kera ta' għarfien. L-intimat sid ta' din il-proprjeta` irrifjuta dan il-kumpens u talab Lm7,300 fis-sena. Minħabba dan in-nuqqas ta' qbil, il-kwistjoni ġiet riferita lill-Bord ta' Arbitraġġ dwar Artijiet għad-deċiżjoni tiegħu.

Fid-dawl ta' dak li seħħ fil-mori tal-proċeduri, għandu jingħad li, għall-fini ta' din il-kawża, il-partijiet huma marbuta b'żewġ punti importanti, u cioe`, l-ewwel, li l-kumpens m'għandux jinħadem a bażi tal-valur tas-suq liberu tal-fond, u t-tieni, illi eżami dwar jekk il-kumpens talvolta iffissat jilledix jew le d-drittijiet fundamentali tal-intimati għandu jsir f'każ li ssir talba għal dan l-eżami wara li jkun sar l-eżerċizzju ta' iffissar tal-kumpens. Dawn iż-żewġ materji huma *res judicata* għall-partijiet u għal din il-Qorti u li jiddeterminaw, allura, l-eżitu ta' dawn il-proċeduri.

Fid-dawl tal-premess, il-kumpens li jrid jiġi stabbilit għall-kerrejja in kwistjoni jrid jiġi determinat skont l-Artikolu 27(2) sa (13) tal-Ordinanza dwar l-Akkwist tal-Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi (Kap. 88 tal-Liġijiet ta' Malta). Dan l-Artikolu jesiġi li, f'każ ta' teħid ta' proprjeta` b'titolu ta' dominju pubbliku, il-kumpens annwali għandu jirrifletti l-valutazzjoni stabbilita mill-ufficcju għall-valutazzjoni tal-art, b'zieda ta' 40% fuq dak l-ammont. F'dan il-każ, il-kera ġie stmat fl-ammont ta' Lm36, u miżjud kif trid il-liġi, iwassal għall-kumpens ta' Lm50.40, illum €117.40, fis-sena. Dan ifisser li l-kalkolu li għamlu l-periti tekniċi u li għamel il-Bord kien wieħed korrett.

Fil-kuntest tal-aggravju tal-appellant relatat mad-digriet li ta l-Bord fis-7 ta' Marzu, 2012, din il-Qorti ma tarax li dan hu fondat. Il-periti tekniċi ma kellhomx joħorġu bi stima *ex novo* tal-fond, iżda li jsegwu d-dettami tal-liġi u jagħmlu eżercizzju, pjuttost matemeatiku, biex jiddeterminaw il-kumpens għall-għarfien. Dan dak li innota l-Bord fid-digriet fuq imsemmi u qed jiġi konfermat.

Fil-kuntest tal-ilment marbut mal-fatt li l-Bord ta s-sentenza tiegħu mingħajr ma sema' s-sottomissjonijiet tal-partijiet, din il-Qorti tosserva li, waqt l-udjenza tas-7 ta' Marzu, 2012, quddiem il-Bord, l-istess Bord iddeferixxa l-kawża għas-sentenza, wara li kkonċeda liż-żewġ partijiet, b'mod successiv, terminu ta' erbgħin jum għal preżentata ta' nota ta'

sottomissjonijiet. Ebda parti ma ressqet nota, u l-Bord kien, għalhekk, korrett li għadda għas-sentenza kif previst. L-intimat ma kellux ikun "sorpriż" b'dak li għamel il-Bord, għax hu mexa skont il-verbal tas-7 ta' Marzu 2012. L-intimat jgħid li hu ma ppreżentax in-nota tal-osservazzjonijiet tiegħu peress illi l-Kummissarju tal-Artijiet, li kellu jippreżenta l-ewwel waħda hu, ma ippreżentahiex. Il-fatt, pero`, li l-Kummissarju rikorrent ma ippreżentax in-nota tiegħu, ma kienx ta' impediment għall-preżentata tan-nota da parti tal-intimat. Huwa fil-fatt ma tpoġġiex f'sitwazzjoni proċeduralment zvantaġġata bin-nuqqas tar-rikorrent, għax kien f'pożizzjoni xorta waħda li jressaq is-sottomissjonijiet tiegħu fit-terminu allokat lilu mill-Bord. Dan qed jingħad mingħajr preġjudizzju għall-fatt li l-proċess fih diversi atti kontinenti s-sottomissjonijiet tal-intimat dwar il-kumpens li għandu jiġi iffissat.

Dan l-ilment qiegħed jiġi miċħud.

Fil-kuntest tat-talba li issa reġgħet saret f'dawn il-proċeduri għal riferenza kostituzzjonali, din il-Qorti ġia iddeterminat li l-materja dwar allegat ksur tad-drittijiet fondamentali għandha tiġi diskussa, se mai, jekk issir talba appożita b'dan l-iskop, wara li jiġi ffissat il-kumpens skont il-liġi, jiġifieri, wara l-għoti tas-sentenza definittiva f'dawn il-proċeduri.

Għaldaqstant, għar-raġunijiet premessi, tiddisponi mill-appell tal-intimat Salvino Testaferrata Moroni Viani billi tiċħad l-istess u tikkonferma d-digriet tas-7 ta' Marzu, 2012, u s-sentenza tat-13 ta' Ġunju, 2012, mogħtija mill-Bord tal-Arbitraġġ tal-Artijiet f'din il-kawża.

L-ispejjeż kollha jitħallsu mill-imsemmi intimat appellant.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef | Joseph Azzopardi<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
df